# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 27 ta' Frar 2017**

**Numru 23**

**Rikors numru 375/2016 fl-atti tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru numru 1334/2010 fl-ismijiet:**

***MLS-Multinational Logistic Services Ltd* (C34635)**
**u *Asset Security Nominees Co. Limited* (C11706)**

***v.***

**Giampaolo Lonzar u l-Avukat Paul Pullicino bħala prokuratur speċjali ta' Hasan Akincioglu**

1. Dan il-provvediment huwa dwar talba magħmula taħt l-art. 836(1) (*b*), (*d*) u (*f*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ["il-Kodiċi"] biex jitħassar mandat kawtelatorju ta' sekwestru jew inkella biex is-sekwestranti jagħtu garanzija taħt l-art. 838A tal-istess Kodiċi.

2. Qabel ma tqis il-meritu tat-talba tas-sekwestrati l-qorti sejra tqis is-sottomissjoni tas-sekwestranti illi, ladarba s-sekwestrati ġà għamlu, quddiem qorti tal-ewwel grad, l-istess talba li qegħdin jagħmlu bir-

rikors tallum u dik it-talba ġiet miċħuda, mela ma jistgħux jerġgħu jagħmlu l-istess talba llum.

3. Is-sekwestranti jsejsu l-argument tagħhom fuq l-art. 836(5) tal-Kodiċi.

4. L-art. 836(5) iżda igħid illi "ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn dikriet li *jilqa'* rikors [għat-tħassir ta' mandat kawtelatorju] u dan id-dikriet ikun finali u irrevokabbli"; ma jgħidx l-istess dwar dikriet li *jiċħad* talba għat-tħassir tal-mandat. *A contrario sensu*, għalhekk, talba bħal dik tallum tista' terġa' ssir wara li tkun miċħuda, bla ħsara, naturalment, għal kull setgħa li għandha l-qorti meta tara li talbiet ripetuti jkunu fiergħa jew vessatorji.

5. Ngħaddu mela għat talba tas-sekwestrati. It-talba taħt l-art. 836(1)(*b*) ġiet imfissra hekk:

> »… … …is-sekwestru kawtelatorju 1334/2010 PA inħareġ fid-19 ta' Awissu 2010 fuq id-dikjarazzjoni ġuramentata li l-sekwestranti riedu jikkawtelaw is-somma ta' flus bħala "id-danni pretiżi dedotti" fit-"talbiet rikonvenzjonali" tagħhom fir-rikors ġuramentat numru 1229/09 JZM.
>
> »Illi fil-fatt ebda danni pretiżi [ma] ġew dedotti fit-talbiet rikonvenzjonali li ġew preżentati fil-kawża 1229/09 JZM. Kull azzjoni għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni ġiet espressament riżervata għal xi azzjoni kontinġenti u futura (*vide* paragrafu 5 tat-talbiet rikonvenzjonali tagħhom – "Il-likwidazzjoni tal-istess danni jibqgħu riżervati [*recte*, il-likwidazzjoni … tibqa' riżervata] għal ġudizzju separat".
>
> »… … …
>
> »Illi l-artikolu 843(1) [tal-Kodiċi] jikkontempla l-fakultà li kreditur jikkawtela r-rimedju li ikun qiegħed jintalab fil-ġudizzju, *pendente lite*, salġurnata li l-qorti tagħti deċiżjoni finali u r-rimedju jkun jista' [jiġi] esegwit bħal kull titolu esekuttiv. Il-mandat kawtelatorju, ismu miegħu, jikkawtela l-jedd tal-azzjoni waqt is-smigħ ta' dik l-azzjoni.
>
> »Illi l-esponenti jissottomettu illi l-kelma "jedd" fl-artikolu 843(1) hija riferenza għall-jedd tal-azzjoni li l-kreditur iġib jew ikun ġab quddiem il-qorti u ma tistax tiġi estiża għal azzjonijiet li jibqgħu riżervati u jitħallew apposta barra l-qorti.
>
> »Illi tqum il-mistoqsija:- fl-ipotesi li t-talbiet rikonvenzjonali attwali kollha tal-appellanti sekwestranti jiġu milqugħa, xi tkun il-posizzjoni reali, xi jkun it-titolu esekuttiv tagħhom?

»- l-appellanti sekwestranti jistgħu jiżbankaw il-flus li ġew depożitati f'idejn is-sekwestratarji in segwitu tas-sekwestru 1334/10 PA?

»- saru xi provi minnhom jew ġew kanonizzati kredituri tas-somma pretiża fis-sekwestru 1334/10 PA?«

6. L-art. 836(1)(*b*) li taħtu qiegħda ssir it-talba jgħid hekk:

> »**836.** (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrieh jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qiegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:
>
> »(*b*) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;«

7. Is-sekwestrati qegħdin igħidu illi l-mandat għandu jitħassar taħt din id-disposizzjoni għax is-sekwestranti ma għamlux "il-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat". Ir-referenza hi għall-art. 843[1] tal-Kodiċi:

> »**843.** (1) Ir-rikorrent għandu jagħmel il-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-mandat:
>
> »… … …
>
> »(2) Jekk ir-rikorrent jonqos milli jagħmel il-kawża mingħajr raġuni tajba, l-effetti tal-mandat jieqfu u huwa jkun responsabbli għad-danni u l-imgħaxijiet kollha.«

8. Bla ma tidħol fil kwistjoni jekk saritx jew le l-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat fiż-żmien li tagħti l-liġi, u bla ħsara għal dik il-kwistjoni, il-qorti tosserva illi l-ħtieġa li ssir il-kawża ma hijiex "waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju" għax il-mandat jista' jinħareġ ukoll bla ma tkun saret il-kawża; li ssir il-kawża fiż-żmien li tagħti l-liġi huwa meħtieġ biex il-mandat jinżamm fis-seħħ, mhux biex il-mandat jinħareġ.

[1] L-art. 843 igħodd ukoll għal mandati kawtelatorji ta' sekwestru bis-saħħa tal-art. 849 tal-Kodiċi.

9. Għalhekk it-talba għat-tħassir tal-mandat, safejn magħmula taħt il-para. (*b*), hija miċħuda.

10. It-talba saret ukoll taħt il-para. (*d*) u (*f*) flimkien tal-art. 836(1):

> »(*d*) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv;
>
> »(*f*) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.«

11. It-talba ġiet imfissra hekk:

> »… … … wara s-sentenza appellata tal-14 ta' Lulju 2016 il-kawtela m'ghadhiex kwistjoni ta' *prima facie* sempliċi u mill-argumenti li ġew imressqa fl-appell tas-sekwestranti jidher illi l-ewwel onorabbli qorti b'xi mod illargat mid-duttrina *ormai* stabilita dwar ir-*res judicata*.
>
> »Illi huwa sottomess illi dan il-preġudizzju qiegħed isir f'isem *Asset Security Nominee Co. Ltd* li hija soċjetà mingħajr ebda fondi – u f'isem kumpannija oħra li hija tant solventi illi sallum għadha ma ottemperatx ruħha mal-ordni tal-ispejjeż tal-arbitraġġi li hija stess ipprovokat għaxar snin ilu. It-tnejn huma kumpannija moribondi.«

12. L-argument hu illi l-kawża li għamlu b'rikonvenzjoni s-sekwestranti, ukoll jekk tista' titqies "kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat" (u dejjem bla preġudizzju għal dik il-kwistjoni), inqatgħet kontriehom, u għalhekk *prima facie* ma għandhomx il-jedd minnhom pretiż.

13. Is-sekwestranti wieġbu hekk għat-talba safejn magħmula taħt il-para. (*d*):

> »… … … il-fatt li talba ġiet miċħuda in prim'istanza u sar appell minnha ma jfissirx awtomatikament li dik il-pretenzjoni ma għandhiex [*recte*, ma għadhiex] *prima facie* mistħoqqa.
>
> »F'dan is-sens l-esponenti jirreferu għall-art. 829 tal-Kap. 12 li jipprovdi li kull persuna tista' "tqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha bil-mezz ta' wieħed jew iżjed mill-atti kawtelatorji".
>
> »F'dan il-każ il-jedd tal-esponenti huwa dak tad-danni li jistgħu jitwieldu mill-aġir *ossia* omissjoni *in mala fede da parte* ta' Giampaolo Lonzar u Hasan Akincioglu, li minkejja li ġew interpellati diversi drabi (inkluż riferenzi f'rigward ta' dan in-nuqqas tagħhom f'deċiżjoni finali

ta' tribunal arbitrali internazzjonali) qatt ma ipproduċew dokument-azzjoni neċessarja sabiex issir ir-rikonċiljazzjoni u ħlas *ai termini* tal-kuntratti bejn il-partijiet.

»Jiġi rilevat li l-atturi Lonzar u Akincioglu ma humiex residenti Malta, kif fil-fatt sostniet l-ewwel qorti fis-sentenza tagħha meta kkunsidrat l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisidzzjoni tal-qrati Maltin eċċepita mir-rikorrenti stess għall-kontrotalba tal-esponenti.

»*Inoltre* ma jirriżultax għall-esponenti li dawn iż-żewġ individwi jintraprendu xi negozju hawn Malta jew għandhom xi assi sekwestrabbli oħra f'Malta; għalhekk il-mandat odjern huwa indispensabbli sabiex jikkawtela d-drittijiet tal-esponenti fl-eventwalità illi l-Qorti tal-Appell jew xi qorti oħra kompetenti tilqa' t-talba tal-istess esponenti relativa għal-likwidazzjoni ta' danni. Dan *oltre* l-fatt illi l-mandat huwa meħtieġ ukoll għal kawtela għall-hlas tal-ispejjeż legali u ġudizzjarji skond is-sentenza appellata.«

14. It-talba għal danni kawtelata bil-mandat kienet ġiet formulata hekk mis-sekwestranti fir-rikonvenzjoni:

»1. tiddikjara u tikkonferma li *MLS-Multinational Logistic Services Ltd* (C34635) u li *Asset Security Nominee Co Ltd* (C11706) fil-kwalità ta' stralċjarju ta' *Alpha 22 Limited* (OS/1330/T) *ossia tramite* awdituri indipendenti u ta' reputazzjoni, għandhom id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni u dokumentazzjoni finanzjarja ta' Giampaolo Lonzar u ta' Hasan Akincioglu għall-iskop ta' reviżjoni u rikonċiljazzjoni u dana *ai termini* tal-kuntratti ta' aġenzija bejn il-partijiet għar-rigward tas-servizzi marittimi mogħtija lil bastimenti navali tal-flotta Amerikana minn Lonzar fil-portijiet ta' Trieste, l-Italja, u Koper fis-Slovenja u minn Akincioglu fil-portijiet ta' Aksaz, Marmaris & Antalja fit-Turkija u dana għall-perijodu kollu li dawn kienu agenti;

»2. tordna li *MLS-Multinational Logistic Services Ltd* (C34635) u li *Asset Security Nominee Co. Ltd* (C11706) fil-kwalità ta' stralċjarju ta' *Alpha 22 Limited* (OS/1330/T) *ossia tramite* awdituri indipendenti u ta' reputazzjoni, jingħataw aċċess ghall-informazzjoni u dokumentazzjoni finanzjarja ta' Giampaolo Lonzar u ta' Hasan Akincioglu għall-iskop ta' reviżjoni u rikonċiljazzjoni u dana *ai termini* tal-kuntratti ta' aġenzija bejn il-partijiet għar-rigward tas-servizzi marittimi mogħtija lil bastimenti navali tal-flotta Amerikana minn Lonzar fil-portijiet ta' Trieste, l-Italja u Koper fis-Slovenja u minn Akincioglu fil-portijiet ta' Aksaz, Marmaris & Antalja fit-Turkija u dana għall-perijodu kollu li dawn kienu aġenti;

»3. tinnomina, taħtar u tinkariga awditur jew ditta ta' awdituri indipendenti u ta' reputazzjoni sabiex jespleta l-inkarigu mogħti skond it-talba suesposta u dana *entro* terminu li tistabilixxi din l-onorabbli qorti;

»4. tiddikjara u tikkonferma li Giampaolo Lonzar u Hasan Akincioglu huma responsabbli għad-danni fil-każ li ma jippermettux it-twettiq tad-deċiżjonijiet ta' din l-onorabbli qorti abbażi tat-talbiet suesposti;

»5. il-likwidazzjoni tal-istess danni jibqgħu riżervati għal ġudizzju separat;

»6. tiddikjara u tikkonferma li Giampolo Lonzar u Hasan Akincioglu huma responsabbli għall-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri;

»7. tordna li Giampaolo Lonzar u Hasan Akincioglu għandhom iħallsu l-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri u li minn issa jibqgħu inġunti għas-subizzjoni.«

15. Il-kawżali tal-mandat imbagħad ġiet imfissra hekk:

»Danni inġenti kif dedotti fir-rikors … … … numru 1229/09 pre-likwidati għall-fini ta' dan il-mandat biss u mingħajr preġudizzju għal dak li jirriżulta fil-mori tal-kawża.«

16. L-ispejjeż ma ġewx kawtelati fil-mandat iżda bis "riżervati".

17. Tassew illi l-fatt li hemm sentenza, ukoll jekk sentenza tal-ewwel grad, kontra l-pretensjoni tas-sekwestranti hija indikazzjoni qawwija għall-inqas *prima facie* illi dik il-pretensjoni ma hijiex ġustifikata. Dan ma jfissirx iżda illi mandat kawtelatorju għandu jaqa' *ipso facto* jekk it-talba għall-kanonizzazzjoni tal-jedd imħares b'dak il-mandat tiġi miċħuda b'sentenza tal-ewwel grad, għax jekk jiġri hekk l-appellant qatt ma jkollu possibilità li jikkawtela l-pretensjoni tiegħu sakemm l-appell jibqa' pendenti.

18. Bla ma tippronunzja ruħha dwar il-meritu tal-appell tas-sekwestranti l-qorti tosserva illi d-danni li jridu jikkawtelaw l-istess sekwestranti, u li qegħdin jitolbu dikjarazzjoni ta' responsabilità dwarhom fir-raba' kontro-talba, ma humiex danni li jgħidu li attwalment ġarrbu iżda danni li jistgħu potenzjalment iġarrbu jekk jintlaqgħu l-ewwel tliet kontro-talbiet tagħhom u s-sekwestrati "ma jippermettux it-twettiq tad-deċiżjonijiet" tal-qorti dwar dawk il-kontro-talbiet.

19. Dan ifisser illi l-qorti ma tkunx tista' tibda tqis ir-raba' kontro-talba qabel ma jkunu ntlaqgħu finalment l-ewwel tliet kontro-talbiet biex tkun

tista' tara jekk is-sekwestrati jaslux imbagħad biex jiffrustraw id-deċiżjoni dwar dawk il-kontro-talbiet.

20. Għandu jingħad ukoll illi l-ewwel tliet kontro-talbiet huma effettivament talbiet biex jingħata rendikont. Id-danni li jridu jikkawtelaw is-sekwestranti ma humiex id-danni li jġarrbu jekk jirriżulta, mir-rendi-kont, li għandhom jieħdu xi bilanċ, iżda danni li jġarrbu jekk is-sekwestrati ma jipproduċux id-dokumenti meħtieġa għar-rendikont. F'dak il-każ iżda s-sekwestranti ma jġarrbu ebda dannu għax ikollhom rimedju faċli taħt l-art. 394 tal-Kodiċi, li jippermettilhom jispeċifikaw is-somma li għandha tingħata lilhom u jitfa' fuq il-parti l-oħra l-oneru li juri li dik is-somma mahijiex dovuta. In-nuqqas ta' produzzjoni ta' dokumenti ssir għalhekk ta' ħsara għall-parti l-oħra.

21. Dan kollu joħloq suspett qawwi illi l-kontro-talba għal dikjarazzjoni ta' responsabilità għal danni saret mhux biex tikkawtela danni konkreti iżda biss biex isservi bħala ganċ biex magħha jiddendel mandat kawtelatorju. Fi kliem ieħor, is-sekwestranti qegħdin jabbużaw mill-proċess ġudizzjarju biex jinqdew bl-effetti vessatorji tal-istitut tal-mandat kawtelatorju.

22. F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa ċertament mhux raġonevoli u mhux ġustifikabbli li l-mandat jibqa' fis-seħħ.

23. Il-qorti għalhekk tilqa' t-talba tas-sekwestrati, tħassar il-mandat kawtelatorju ta' sekwestru 1334/2010 u tordna li jinħareġ minnufih il-kontro-mandat relativ.

24. Fid-dawl ta' din id-deċiżjoni ma jibqax meħtieġ li tingħata deċiżjoni dwar it-talba tas-sekwestrati biex tingħata garanzija taħt l-art. 838A tal-Kodiċi, u dwar it-talba tas-sekwestranti magħmula fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2017 biex jipproduċu dokumenti.

25. L-ispejjeż kollha ta' dan l-episodju jħallsuhom is-sekwestranti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb